MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 176/2012

**Schembri Concrete Blocks Limited (C14123)**

**vs**

**Jesmond Falzon u FGS Construction Ltd (C17794)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-17 ta' Mejju 2012, li bih is-socjeta' attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' hamest elef, sitt mija u wiehed u hamsin Ewro u sebgha u erbghin centesmu (€ 5,651.47) rapprezentanti prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni mibjugh u kkonsenjat lilhom.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficcjali pprezentata nhar l-20 ta Marzu 2012 u tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 884/12 kontra l-konvenuti li minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut Jesmond Falzon kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Purtier Charles Buttigieg datata 5 ta’ Ottubru 2012 a fol. 17 tergo tal-process.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Purtier Charles Buttigieg datata 30 ta’ Ottubru 2012 a fol. 20 tergo tal-process fejn thalliet kopja ta’ l-avviz fil-Kunsill Lokalli tar-Rabat, fl-Ghassa tal-Pulizija tad-distrett tar-Rabat u fl-indirizz tas-socjeta’ konvenuta kif moghti fir-rikors promotur.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta giet notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza peremezz ta’ avviz li deher fil-gazetta tal-Gvern nhar is-16 ta’ Novembru 2012 kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol. 22.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta giet notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza peremezz ta’ avviz li deher fil-gazetta lokali maghrufa bhala ‘The Times’ nhar is-27 ta’ Novembru 2012 kif jirrizulta mid-dokument esebit u mmarkat bhala Dokument B.

Rat li fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2012 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u fil-konfront tal-konvenut u dan ghaliex la dehru l-Qorti u lanqas ma pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2012 is-socjeta’ konvenuta u l-konvenut gew imsejha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba rikorrenti u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ rikorrenti tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ hamest elef, sitt mija u wiehed**

**u hamsin Ewro u sebgha u erbghin centesmu (€ 5,651.47) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------